KUNSILL LOKALI PAOLA

*Ref*: 32/7/194/17

**MINUTI**

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Paola

SEBGĦA LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 32

*l-Erbgħa, 23 ta' Awwissu, 2017*

Il-Kunsill Lokali Paola ltaqa' fl-uffiċini amministrattivi tiegħu, fi Ġnien Pawlu Boffa, Triq il-Knisja, Paola l-Erbgħa, 23 ta' Awwissu, 2017. Il-laqgħa bdiet fil-5.35pm.

| | |
|---|---|
| **Preżenti:** | Dominic Grima-*Sindku* |
| | Steven Axisa-*Viċi Sindku* |
| | Roderick Spiteri-*Kunsillier* |
| | Bernard Sean Lynch-*Kunsillier* |
| | Nicholas Seychell-*Kunsillier* |
| | Tyrone Muscat-*Kunsillier* |
| | Ivan Bartolo-*Kunsillier* |
| **Assenti b'apoloġija** (Skont Ordni Permanenti 14A (3): | |
| **Assenti:** | |
| **Uffiċjal Preżenti:** | Kurt Scerri-*Segretarju Eżekuttiv* |

# Minuti

Is-Sindku Dominic Grima ippreseda l-laqgħa.

1. **Qari tal-ittri ta' apoloġija**

1.1. Is-Segretarju Eżekuttiv informa lil membri illi ma kienx hemm membri assenti.

2. **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

2.1. Il-Minuti nr.31 ġew approvati *nem com.*

3. **Korrispondenza**

3.1. Talba mingħand il-familja Busuttil sabiex tissemma triq jew issir irħama mad-dar fejn għex missierhom li kien surmast tal-banda de Paule għal 26 sena. Il-Kunsillier Tyrone Muscat qal li ser ikellem lis-sidien tad-dar sabiex jara jekk hux possibbli li issir l-irħama mal-faccata tagħhom fi triq Tal-Borg. Il-Membri qablu wkoll li jekk ikun possibbli dan is-Surmast għandu ikun rikonoxxut għas-servizz li ta.

3.2. Ittra dwar *Pink October* sabiex jinxtegħel bini li jfakkar din l-attività. Il-Membri qablu li jekk ikun possibbli jinxtegħel il-portico tal-Knisja Kristu Re.

3.3. Talba mingħand is-Sur Vince Williams biex il-Kunsill Lokali jagħmel esebizzjoni u attività biex ifakkar l-ewwel film talkies li intwera 90 sena ilu. Qed jissuġġerixxi wkoll li titħawwel siġra biex tfakkar dan. Kollox huwa maħsub li isir għas-6 ta' Ottubru. Il-membri qablu li għanda issir din l-attività u l-esebizzjoni u approvaw ukoll li l-ispejjeż ta' din l-esebizzjoni jiġu koperti mill-Kunsill; dejjem skond kif permess mill-liġi.

3.4. Ittra mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali marbuta mal-iskema ta' restawr ta' postijiet storiċi. Il-membri iddiskutew din l-iskema u qablu li għandu isir restawr tan-niċeċ.

3.5. Ittra mingħand l-Assoċjazzjoni għall-Kunsilli Lokali fejn qed titlob l-*feedback* dwar is-swieq fil-beraħ, l-għoti ta' permessi ta' mwejjed u siġġijiet kif ukoll l-ambjent. Il-membri iddiskutew dan u qablu li min jixtieq jista' jibgħat il-kummenti tiegħu lill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali. Il-membri qablu wkoll li issir laqgħa mal-kunratturi tal-kunsill dwar is-servizz mogħti minnhom

3.6. Petizzjoni mingħand ir-residenti tal-akwata tal-Paola Wolves dwar it-tombla li issir viċin tal-flats tal-Gvern. Il-membri qablu li għadna nibgħatu għall-organizzaturi u naraw din it-tombla hux qed issir bil-permess u naraw ukoll li din titkompla sakemm jiġi ikkawżat l-inqas inkonvenjent lir-residenti tal-madwar.

4. ***Sejħiet għall-Offerti/Kwotazzjonijiet***

4.1. Is-Segretarju Eżekuttiv informa lil membri li hemm bżonn isir Kumitat tal-evalwazzjoni għat-tender tal-bankini u patching kif ukoll it-tender tal-konsulent Ewropew. Il-membri qablu li dan il-Kumitat ikun magħmul mis-Sindku bħala Chairman, u l-Kunsilliera Roderick Spiteri, Bernard Lynch u Ivan Bartolo.

4.2. Il-membri approvaw ukoll li tinħareġ sejħa għall-kuntratt tas-soft areas bil-baġit ikun magħmul skond dak li qed imħallas il-Kunsill bħalissa, hekk kif wasal biex jiskadi.

5. **Kont ta' Triq Melita**

5.1. Is-Segretarju Eżekuttiv informa lil membri illi twassal lil Kunsill il-kont tat-triq Melita flimkien maċ-ċertifikazzjoni tal-Perit. Is-Segretarju Eżekuttiv kompla billi qal li fid-dawl tax-xogħol urġenti li kellu isir fit-triq hekk kif instagħabet parti kollha ħamrija, l-ispiża tat-triq għoliet b'€16,000 iktar mill-istima. Il-Kunsillier Spiteri fakkar lil membri li dan il-kunsill kien tiġa approva li isir ix-xogħol wara li l-Perit tal-Kunsill kien informa lil membri li dan ix-xogħol urġenti kellu isir. Għaldaqstant il-membri qablu li jitħallas dan il-pagament.

6. **Inizjattiva Finanzjarja-Librerija**

6.1. Is-Segretarju Eżekuttiv informa lil membri illi kienet infetħet l-iskema tal-investiment fil-librerija fejn din id-darba id-Dipartiment għall-Gvern Lokali kien qiegħed iżid il-parti li ser jiffinanzja hu għall-ammont ta' €800. Is-Segretarju Eżekuttiv fakkar illi permezz tal-iskema id-Dipartiment iħallas l-istess ammont kemm jiffinanzja il-Kunsill Lokali. Il-membri qablu li din is-sena għanda issir applikazzjoni sabiex isir apparat ta' arja kundizzjonata fil-librerija hekk kif issa l-iskema tista' tiġi applikata għall-affarijiet oħra u mhux kotba biss.

## 7. Proġetti tal-Kunsill Lokali Paola

7.1. Is-Sindku informa lil membri illi kif semma f'laqgħat preċedenti il-Gvern Ċentrali kien ħabbar illi ser jibni it-toroq kollha u għaldaqstant il-Kunsill jista' jaħdem fuq proġetti oħra li jistgħu isiru. Għaldaqstant huwa kompla billi ppreżenta lil membri id-disinji li għamel il-Perit tal-Kunsill dwar id-daħla tal-Kunsill u Ġnien San Alwiġi. Is-Sindku kompla li qed jaħdem ukoll fuq il-Bandli/Ġnien ta' fejn il-Paola Wolves. Kompla billi qal li il-pass li jmiss issa huwa li jitlesta disinn ta' dan il-ġnien kif ukoll l-istimi ta' dawn it-tlett proġetti.

7.2. Il-Kunsillier Ivan Bartalo xtaq iżid li tkun xi ħaġa sabiħa jekk f'xi parti minn xi ġnien ikun hemm post bl-annimali jew anke fejn wieħed iġib l-annimali tiegħu jew spazju li jintuża għal dan l-istess skop minn xi skejjel.

7.3. Il-Kunsillier Spiteri żied illi qabel il-proġett tad-daħla tal-Kunsill ikun aktar għaqli li tingħata prijorità lil Ġnien San Alwiġi, dak tal-Paola Wolves kif ukoll isir xogħol fid-daħla tal-housing estate li jinsab fl-aħħar parti ta' Ġużè D'Amato. Is-Sindku żied illi fuq dik il-parti kien qed jitlob li ix-xogħol isir mill-Awtorità tad-Djar u kompla li jekk ikun hemm il-finanzi għall-proġetti dawn ikunu jistgħu jibdew flimkien.

7.4. Il-Kunsillier Bernard Lynch qal li imissu isir xi tip ta' monument fil-funtana wkoll. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li dan jista' isir waqt li jkun għaddej il-proġett tad-daħla tal-Kunsill.

## 8. Proġett tal-Pjazza u l-Latrina

8.1. Is-Sindku informa lil membri illi bdew isiru laqgħat kull ġimgħa mal-partijiet konċernati mill-proġett tal-pjazza liema laqgħat qed isiru fil-Kunsill Lokali Paola. Kompla billi ppreżenta il-pjanti riċenti tal-Pjazza lil membri hekk kif wasal li tinfetaħ il-parti il-lesta tal-pjazza. Huwa ġibed l-attenzjoni illi qed isir tibdil fil-*bus stops* hekk kif qed tiġi proposta waħda faċċata tal-poliklinika. Huwa kompla billi informa lil membri bl-andament tal-proġett.

8.2. Dwar il-latrina is-Sindku informa lil membri illi l-latrina kienet infetħet mingħajr ma ġejna mogħtija iċ-ċwievet tal-istess latrina u sakemm bdiet tiġi imħaddma mill-Kunsill kienet laħqet ġiet abbużata. Is-Sindku kompla li din issir ser tkun imħaddma mill-Kunsill Lokali Paola kif qed issir dik tal-ġnien Pawlu Boffa. Is-Segretarju Eżekuttiv informa lil membri li kienu qed jiġu installati CCTV kameras fl-istess latrina.

8.3. Il-Kunsillier Lynch staqsa għalfejn sar madum fit-triq u l-bankina bil-konkos. Huwa kompla li kieku sar bil-kontra kien ikun aħjar. Is-Sindku irrisponda li dan huwa fid-disinn u li fl-aħħar mill-aħħar il-proġett qed isir mill-Gvern Ċentrali; il-Kunsill qed jiġi biss konsultat.

## 9. Magazine-Kunsill Lokali

9.1. Il-Viċi Sindku Steven Axisa qal li għandu jinħareġ darbtejn fis-sena magazine tal-Kunsill u kompla li qal li għandu żewġ persuni li ġew joqogħdu Raħal Ġdid li qed joffru l-għajnuna tagħhom. Il-Kunsillier Spiteri qal li għandu jingħata wkoll spazju lil Kunsilliera kollha. Il-membri qablu u issuġerixxu li issir laqgħa mal-persuni konċernati. Il-Viċi Sindku qal li id-disinn jista' jieħu ħsiebu il-partner tal-Kunsillier Bartolo.

## 10. Feature

10.1. Il-Viċi Sindku fakkar li l-eks kunsillier Renald Dalli kien beda proġett li jibni librerija b'intervisti minn persuni li għamlu isem fil-lokalita. Kompla li għal dan il-proġett kellu f'moħħu li isir filmat dwar l-istorja ta' Raħal Ġdid u għandu f'moħħu persuni li jistgħu jgħinu fuq dan is-suġġett. Is-Sindku qal li jista' isir ukoll ktieb ta' storja. Il-membri qablu li għadna issir laqgħa mal-persuni interessati sabiex naraw kif dan il-proġett jista' isir.

## 11. Komunikazzjoni mis-Sindku

11.1. Is-Sindku informa lil membri illi qed jaslu għandu diversi problemi u mhux qed isib għajnuna mingħand bosta awtoritajiet speċjalment fuq is-suq u fuq l-iskart. Is-Sindku ippropona li jekk is-sitwazzjoni ma titranġax ikollha issir konferenza stampa biex nuru li l-Kunsill qiegħed jisma l-ilmenti tar-residenti però l-awtoritajiet mhux qed jikkoperaw. Il-Kunsillier Bartolo saħaq li fil-monti kull posta għanda tkun uniformi b'gabbani u kaxxi bil-qisien.

## 12. Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

12.1. Il-Kunsillier Lynch informa lil membri illi residenti ta' Paola ġewwa Kansas l-Amerka għamlu żjara ta' kortesija fil-Kunsill Lokali Paola. Il-membri qablu li għanda nesploraw il-possibilità li issir xi tip ta' ġemellaġġ ma' din il-lokalita.

12.2. Il-Viċi Sindku xtaq jirrimarka wkoll li wassallu ilment li tal-forn fi Triq il-Qalb ta' Ġesu qed iħalli ħafna dqiq fit-triq. Is-Sindku irrisponda li din hija waħda mill-bosta problemi li irrefera għalihom qabel.

12.3. Il-Viċi Sindku staqsa kemm fadal ħaddiema tal-iskemi ma-Kunsill Lokali Paola u s-Segretarju informa

## 13. Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

13.1. Il-membri tal-Kunsill Lokali approvaw l-iskeda ta' Pagamenti Nru. 32 għas-somma ta' €31,842.25.

## 14. Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

14.1. Il-Laqgħa ġiet magħluqa fis-7:00pm u ġiet aġġornata għal-Erbgħa 27 ta' Settembru 2017.

Konfermati, illum l-Erbgħa 27 ta' Settembru.

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
| Kurt Scerri<br>Segretarju Eżekuttiv | Dominic Grima<br>Sindku |